

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Lulju 2022 – AI et vs ECDC

(Kawża T-864/19) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku – Persunal tal-ECDC – Fastidju psikoloġiku – Talba għal assistenza – Twissijiet bil-quddiem – Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal – Portata tad-dmir ta' assistenza – Dmir ta' premura – Ftuħ ta' investigazzjoni – Terminu raġonevoli – Responsabbiltà – Illegalità)

(2022/C 359/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: AI, HV, HW, HY (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: J. Mannheim, aġent, assistita minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ĝeneralni fis-17 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti jitkolbu kumpens għad-danni li ġarrbu minħabba, essenzjalment, l-assenza ta' risposta adegwata taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) quddiem l-agħir ta' A (kap ta' unità) fir-rigward tagħhom bejn l-2012 u l-2018, li skonthom jikkostitwixxi, fastidju psikoloġiku.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-spejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 61, 24.2.2020.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Lulju 2022 – JC vs EUCAP Somalia

(Kawża T-165/20) ⁽¹⁾

("Klawżola ta' arbitraġġ – Membru tal-persunal bil-kuntratt internazzjonali ta' EUCAP Somalia – Missjoni li taqa' taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni – Xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat matul il-perijodu ta' prova – Komunikazzjoni tax-xoljiment tal-kuntratt permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma ta' rċevuta – Bgħit lil indirizz inkomplet – Bidu tad-dekorrenza tat-terminu tar-rimedju intern qabel azzjoni ġudizzjarja – Determinazzjoni tad-dritt applikabbi – Dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt nazzjonali industrijali – Nullità tal-klawżola ta' perijodu ta' prova – Komunikazzjoni irregolari tal-avviż tat-temm ta' impjieg – Allowance kumpensatorja minnflokk avviż tat-temm ta' impjieg – Ħlas retroattiv tar-remunerazzjoni – Kontroltalba")

(2022/C 359/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: JC (rappreżentant: A. Van Himst, avukat)

Konvenut: EUCAP Somalia (rappreżentant: E. Raoult, avukat)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, li jiġu ddikjarati nulli l-ittra tal-4 ta' Novembru 2019 u l-ittra tat-3 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħhom EUCAP Somalia kkomunikatlu d-deċiżjoni tagħha li xxolji l-kuntratt ta' xogħol tiegħu kif ukoll, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni tal-24 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rimedju intern mhux dixxiplinari tiegħu kontra d-deċiżjoni li jiġi xolt il-kuntratt ta' xogħol tiegħu kif ikkomunikata mill-ittra tat-3 ta' Diċembru 2019 u, min-naħa l-oħra, li EUCAP Somalia tiġi kkundannata tħall-su retroattivament ir-remunerazzjoni tiegħu sad-data tat-tmiem definitiv, regolari u legali tar-relazzjoni kuntrattwali ta' xogħol tagħhom.

Dispożittiv

- 1) Il-komunikazzjoni tal-avviż tat-temm ta' impjieg li jinsab fl-ittra tal-4 ta' Novembru 2019 hija nulla.
- 2) Ix-xoljiment tal-kuntratt konkluż bejn EUCAP Somalia u JC fil-21 ta' Awwissu 2019 huwa regolari, validu u vinkolanti għal dan tal-aħħar mid-data tal-5 ta' Diċembru 2019 u jieħu effett definitiv fit-tmiem tal-avviż tat-temm ta' impjieg ta' xahar mid-9 ta' Diċembru 2019 skont l-Artikolu 18.1 ta' dan il-kuntratt.
- 3) EUCAP Somalia hija kkundannata tħallas lil JC, minn naħa, somma korrispondenti għar-remunerazzjoni tiegħu, kif stabbilita fl-Artikolu 12.2 tal-imsemmi kuntratt, bl-esklużjoni tal-allowances ta' kuljum previsti fl-Artikolu 15 tal-kuntratt, fir-rigward tal-perijodu ta' bejn is-26 ta' Novembru u t-8 ta' Diċembru 2019 inklużi, u min-naħa l-oħra, somma korrispondenti għal allowance kumpensatorja minnflokk avviż tat-temm ta' impjieg ta' xahar ugħalli għal din ir-remunerazzjoni, fir-rigward tal-perijodu ta' bejn id-9 ta' Diċembru 2019 u d-9 ta' Jannar 2020, fejn dawn is-somom huma miżjudha bl-interessi bir-rata legali skont id-dritt Belġjan.
- 4) Mill-bqija r-rikors huwa miċħud.
- 5) Il-kontrotalba ta' EUCAP Somalia hija miċħuda.
- 6) EUCAP Somalia hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 9, 11.1.2021.

Sentenza tal-Qorti ġenerali tat-13 ta' Lulju 2022 – JF vs EUCAP Somalia

(Kawża T-194/20) (¹)

("Klawżola ta' arbitraġġ – Membru tal-persunal bil-kuntratt internazzjonali ta' EUCAP Somalia – Missjoni li taqa' taħt il-politika barranija u ta' sigurta komuni – Nuqqas ta' tiġid tal-kuntratt ta' xogħol wara l-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni – Dritt għal smiġ – Ugwaljanza fit-trattament – Nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonaliità – Perijodu ta' tranżizzjoni previst mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni – Rikors għal annullament – Rikors għad-danni – Atti indiċċoċċjabbi mill-kuntratt – Inammissibbilità")

(2022/C 359/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: JF (rappreżentant: A. Kunst, avukata)

Konvenut: EUCAP Somalia (rappreżentant: E. Raoult, avukata)

Suġġett

Bir-rikors tiegħu, ir-rikorrent jitlob, prinċipalment, minn naħa, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament tan-nota ta' EUCAP Somalia tat-18 ta' Jannar 2020 u tal-ittra tad-29 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha din iddeċidiet li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol tiegħu u, min-naħa l-oħra, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, kumpens għad-danni li allegatament sofra minħabba dawn l-atti u, sussidjarjament, abbażi tal-Artikolu 272 TFUE, li l-atti kontenzjużi jiġu ddikjarati illegali kif ukoll kumpens għad-danni li allegatament sofra minħabba dawn l-atti.